MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Numru. 602/2001
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**Spettur Saviour Baldacchino**

**VS**

**Thomas Vella, iben Carmelo u Antonia nee' Ellul, imwieled ir-Rahal Gdid nhar it-12 ta' Settembru, 1966, residenti fil-fond numru 81, Lampuka Street, Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 394666M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Thomas Vella** li gie akkuzat talli:

1. F'Haz Zabbar, matul dawn l-ahhar sitt xhur u qabel il-21 ta' Jannar, 2001, matul il-gurnata, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex

igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti imamginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-dannu ta' Raymond Cutajar, bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bi hsara ta' haddiehor ghamel xi qliegh iehor b'qerq tal-ksur tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':

- L-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza ghal zmien twil ma gabet ebda provi in difesa. Sussegwentement, anke wara li xehed l-imputat u nnega l-involviment tieghu fir-reati in ezami, ghazel issa li jammetti l-akkuzi migjuba kontrieh.

Rat nonostante l-ammissjoni, il-provi migjuba.

Rat illi kemm il-kwerelant - certu Raymond Cutajar, missieru Geatano, u l-lavrant ta' Raymond certu Kenneth Buttigieg, xehdu li Thomas Vella kien fil-fatt xtara television Grundig minghand Cutajar, illi l-istess Kenneth Buttigieg kien ghabbielu fil-vettura tieghu; pero wara diversi tentattivi minn naha ta' Cutajar u skuzi minn naha tal-imputat, dan baqa' ma hallashomx. Anzi kien anke, skont Raymond, aktar tard, xhur wara li ha pussess ta' dan it-television, dan l-imputat kien qallu li tah television ta' pulzier inqas mid-daqs.

Minn naha tieghu l-imputat kien anke a tempo vergine rrilaxxa stqarrija minghajr dak iz-zmien assistenza legali. Harsa, minhabba f'hekk, lejn il-fedina penali tieghu, ghalkemm mhix wahda totalment netta, ma tirriflettix reati komuni daqshekk allarmanti. Ghalhekk il-Qorti mhix ser tqis l-istqarrija ammissibbli. Pero l-imputat ghazel ukoll illi jixhed viva voce. Innega ghal kollox illi hu kien ha xi television mill-hanut ta' Raymond Cutajar bla ma hallsu. Anzi qal illi fil-fatt kien xtara minghand Raymond Cutajar stereo illi fil-fatt kellu l-hsara, u dan kien dam biex sewwieh, tant illi kien imur ghand tal-Konsumatur.

Illi l-Qorti pero, ma tistax ma tikkunsidrax illi tlieta minn nies xehdu li raw lill-imputat jiehu dan it-television; sahansitra Kenneth Buttigieg anke ghabba l-istess fil-vettura tal-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Semghet dwar il-piena, it-trattazzjonijiet tal-partijiet, u tikkudanna lil Thomas Vella ghal piena ta' sena(1) prigunerija sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------